

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1800**tas-6 ta' Ottubru 2015****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha b'mod parzjali jew bis-sħiħ, jew li żżid kwalunkwe sottodivizjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ⁽²⁾. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f*il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Heinz ZOUREK
Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Apparat elettroniku li jista' jinġarr, b'qisien ta' 7 × 60 × 110 mm u piż ta' 100 g, li jikkonsisti mill-komponenti ewlenin li ġejjin f'qafas wieħed tal-plastik:</p> <ul style="list-style-type: none"> — skrin tattilu tal-kulur b'dijodi li jemettu d-dawl (LED), b'qies djagonali tal-iskrin ta' 8,9 cm (3,5 pulzieri) u b'riżoluzzjoni ta' 960 × 640 pixels, — unità ċentrali ta' pproċessar, — memorja RAM ta' 256 MB; — kapaċità ta' ħżin ta' 32 GB; — modulu għal konnessjoni bla fili ma' apparat ieħor u mal-Internet; — batterija tal-litju rikarikabli; — lawdspiker; — mikrofonu, u — kamera għall-ġbid ta' filmati u ritratti. <p>L-apparat fih l-interfaċċi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — konnettur biex l-apparat ikun jista' jiġi rikarikat u biex jiġi mqabblad ma' apparat ieħor, bħal pereżempju magna għall-ipproċessar awtomatiku tad-dejta (ADP) u — <i>jack plug</i> ta' 3,5 mm. <p>L-apparat jippermetti lill-utent, <i>inter alia</i>, jaqbad mal-Internet, iniżżel, iħaddem u jimmodifika l-applikazzjonijiet tas-softwer, jirċievi u jibgħat posta elettronika, jilgħab il-logħob, u jniżżel, jirrekordja u jirriproduċi mużika, filmati u ritratti.</p>	<p>8471 30 00</p>	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota 3 tas-Sezzjoni XVI, nota 5(A) tal-Kapitolu 84 u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 8471 u 8471 30 00.</p> <p>L-apparat huwa ddisinjat biex iwettaq żewġ funzjonijiet jew aktar li huma kumplimentari jew alternattivi fi ħdan it-tifsira tan-nota 3 tas-Sezzjoni XVI (l-ipproċessar ta' dejta, komunikazzjoni fuq netwerk bla fili, ir-reġistrazzjoni u r-riproduzzjoni ta' kontenut awdjo u vidjo, il-ġbid ta' filmati u ritratti, u l-wiri ta' stampi statiċi u ta' stampi vidjo).</p> <p>Minħabba l-karatteristiki oġġettivi tal-apparat, b'mod partikolari l-kapaċità tiegħu li jniżżel minn fuq l-Internet, li jaħżen, jimmodifika u jħaddem il-programmi, il-funzjoni ewlenija tiegħu hija l-ipproċessar tad-dejta (ara wkoll l-Opinjoni tal-HS dwar il-Klassifikazzjoni 8471.30/2, 3 u 4). Il-funzjonijiet l-oħra huma meqjusa bħala sekondarji.</p> <p>Għaldaqstant l-apparat għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8471 30 00, bħala magna li tista' tinġarr għall-ipproċessar awtomatiku tad-dejta, b'piż ta' mhux aktar minn 10 kg, li tik-konsisti minn mill-inqas unità ċentrali ta' pproċessar, tastiera u skrin.</p>